**8 ta' Ottubru, 1984**

**Imhallfin:-**

**Onor. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Mallia bħala *Managing Director* u għan-nom u in rappreżentanza ta' B & M (Supplies) Limited

*versus*

Emanuel Aquilina bħala Direttur u għan-nom u in rappreżentanza ta' E & J Aquilina Limited

## Kanonizzazzjoni ta' Kreditu

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat sentenza appellata fejn laqgħet talba għal kanonizzazzjoni ta' kreditu.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentat fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur *nomine* talab li l-konvenut *nomine* jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' tliet mija, erbgħa u disgħin lira Maltija, tmienja u sebgħin ċenteżmi u tmien millezmi (Lm394.78.8), bilanċ ta' ammont akbar dovut mill-konvenut *nomine* bħala prezz ta' *sanitary wares*, ipprovdut mill-istess ditta attriċi, bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-31 ta' Jannar, 1977, u bl-imgħax kummerċjali kontra l-konvenut *nomine*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li biha eċċepixxa li t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li hu ħallas is-somma rikjesta fiċ-ċitazzjoni;

Rat is-sentenza mogħtija fid-9 ta' Settembru, 1981, mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li biha dik il-Qorti laqgħet it-talba ta' l-attur *nomine* limitatament għas-somma ta' tliet mija, tmienja u għoxrina lira Maltija, erbgħa u tmenin ċenteżmi u tmien *millezmi* (Lm328.84.8), *u għalhekk ikkundannat lill-*

konvenut fil-kwalità tiegħu premessa jħallas lill-attur *nomine* din is-somma ta' Lm328.84.8 għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut, wara li kkunsidrat:

L-attur, f'din il-kawża qiegħed jidher bħala *Managing Director* u għan-nom u in rappreżentanza ta' B & M (Supplies) Ltd. Huwa qiegħed jippretendi li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallas lill-attur is-somma ta' Lm394.78.8 u dan bħala bilanċ ta' ammont akbar dovut mill-konvenut bħala prezz ta' *sanitary wares* ipporvduti mill-istess ditta attriċi. Mal-preżentata taċ-ċitazzjoni huwa annetta bħala dok. A, *Statement of account for sanitary wares supplied*. Din iċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fil-15 ta' Frar, 1977. B'nota tiegħu tal-21 ta' Ottubru, 1978, l-attur però irriduċa t-talba ta' Lm394.78.8 bl-ammont ta' Lm65.94. B'hekk il-pretensjoni attriċi llum tinsab ridotta għall-ammont ta' Lm328.84.8. Din is-somma ta' Lm65.94, skond ix-xhieda ta' l-istess attur (fol. 16), ġiet imħallsa fit-28 ta' Frar, 1977, wara l-preżentata u n-notifika taċ-ċitazzjoni lill-konvenut;

Apparti dan il-pagament, il-konvenut, b'nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu tat-8 ta' Marzu, 1977, qed jikkontesta t-talba attriċi billi qed jallega l-pagament intier. Minħabba n-natura ta' din l-eċċezzjoni għalhekk huwa l-konvenut issa li jrid jipprova dak li qed jallega u ċjoè l-pagament intier tas-somma pretiża mill-attur;

Mill-provi prodotti jidher li, waqt li l-attur Joseph Mallia kien imexxi hu waħdu l-kumpannija B & M Supplies Limited, ċertu Joseph Rizzo li ma kellu x'jaqsam xejn ma' din il-kumpannija, kien qed imexxi B & M (Construction) Limited, kumpannija kompletament separata. Ma' l-attur f'din il-kawża ma kien sar ebda ftehim dwar xi arranġamenti fi ħlas jew in

kompensazzjoni tal-bilanċ dovut. L-istess attur, Joseph Mallia, kien ukoll direttur fil-kumpannija l-oħra mmexxija minn Rizzo. *Il-konvenut Manwel Aquilina, fix-xhieda tiegħu, beda biex qal* li jaqbel mal-prospett esebit dok. A a fol. 4 maħruġ mis-soċjetà attriċi. Jaqbel ukoll li wara l-ħruġ u n-notifika huwa kien ħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm65.94;

Li jrid jgħid u qed jippretendi l-konvenut hu li hu kien *kreditur tal-kumpannija l-oħra fl-ammont ta' Lm200. Hu però* jallega li kellu xi arranġamenti ma' Joseph Rizzo dwar xi kompensazzjoni. Il-konvenut jammetti ukoll (ara fol. 22) li l-attur Joseph Mallia qatt ma kien daħal fiha. Joseph Rizzo, imsejjaħ bħala xhud (fol. 23), ċaħad li xi darba kien hemm xi arranġament mal-konvenut biex il-krediti li kellha kontra tiegħu s-soċjetà B & M Supplies Limited, jiġu b'xi mod ikkompensati ma' xi krediti li hu kellu mal-B & M Construction Limited;

Minn kliem stess tal-konvenut (fol. 22), l-attur Joseph Mallia, il-*Managing Director* tal-kumpannija attriċi "qatt ma daħal fih (l-arranġament)". Għalhekk jidher li anke kieku kien sar dan l-arranġament bejnu u bejn Rizzo (ħaġa miċħuda mill-istess Rizzo), din kienet *res inter alios acta* u b'ebda mod ma setgħet qatt torbot lill-attur fil-kwalità tiegħu fuq premessa;

Għalhekk it-talba ta' l-attur *nomine* f'din il-kawża u kif ridotta, tidher li hi ġustifikata u timmerita li tiġi milqugħa;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Emanuel Aquilina fil-kwalità tiegħu premessa ppreżentata fis-17 ta' Settembru, 1981;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess Emanuel Aquilina *nomine* ppreżentata fit-30 ta' Settembru, 1981, li biha, għar-*raġunijiet hemm minnu msemmija, talab li din il-Qorti* jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talba ta' l-

attur *nomine* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu:

Rat ir-risposta ta' l-imsemmi Joseph Mallia bħala *Managing Director* għan-nom u in rappreżentanza ta' B & M (Supplies) Limited ippreżentata fl-20 ta' Ottubru, 1981:

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni:

Semgħet lid-difensuri:

Ikkunsidrat:

Flimkien maċ-ċitazzjoni, l-attur appellat *nomine* ppreżenta prospett immarkat Dok. A (fol. 4) fejn hemm indikata dettaljatament il-pretensjoni tiegħu. Skond dan il-prospett huwa kellu jieħu mingħand il-konvenut appellant *nomine* fil-mument tal-preżentata taċ-ċitazzjoni s-somma ta' tliet mija, erbgħa u disgħin lira Maltija, tmienja u sebgħin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm394.78.8), bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' *sanitary ware* mibjugħa u kkonsenjata lill-konvenut appellant *nomine*. Fil-mori tal-kawża l-attur appellat *nomine* tħallas is-somma ta' ħamsa u sittin lira Maltija, erbgħa u disgħin ċenteżmi (Lm65.94) u kwindi l-kreditu pretiż minnu ġie ridott b'din is-somma hekk imħallsa għas-somma ta' tliet mija, tmienja u għoxrin lira Maltija, erbgħa u tmenin ċenteżmi u tmien milleżmi (Lm328.84.8):

Kif jidher mid-deposizzjoni tal-konvenut appellant *nomine* (fol. 21) huwa jaqbel mal-prospett esebit mill-attur appellat *nomine* u jaqbel ukoll illi l-bilanċ ta' Lm394.78.8 hemm indikat għandu jitnaqqas bis-somma ta' Lm65.94 li huwa ħallas. Il-konvenut appellant *nomine*, però, qiegħed jippretendi li huwa kien kreditur tal-kumpannija B & M (Construction) Ltd., f'somma ta' madwar disa' mitt lira Maltija (*Lm900*) u *li kellu*

jagħti xi ħaġa lill-B & M (Floor Tile) Mfrs Ltd., u li bi ftehim ma' ċertu Joseph Rizzo dawn id-diversi debiti u krediti ġew ikkompensati u għalhekk illum il-konvenut appellant *nomine* ma għandu jagħti xejn lill-kumpannija attriċi, jiġifieri lil B & M (Supplies) Limited;

Il-konvenut appellant *nomine*, li qiegħed jallega l-eżistenza ta' l-imsemmi ftehim, għandu l-obbligu legali li jippruvah u dana in konformità ma' dak li jiddisponi l-artikolu 561 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi, hi tal-fehma li l-konvenut appellant *nomine* ma rnexxilux jissodisfa l-imsemmi piż tal-prova mixħut fuqu bil-liġi. Infatti, jirriżulta mid-deposizzjoni tal-konvenut appellant stess (fol. 22) li l-attur appellat Joseph Mallia, li huwa l-*Managing Director* tal-kumpannija attriċi, qatt ma daħal fil-ftehim imsemmi fuq, u għalhekk għal din ir-raġuni biss, anke jekk għall-grazzja ta' l-argument intlaħaq xi ftehim bejn il-konvenut appellant u l-imsemmi Joseph Rizzo, il-pretensjoni tal-konvenut appellant *nomine* li m'għandux jagħti lill-kumpannija attriċi minħabba kompensazzjoni kienet tkun infondata billi ma kienx hemm il-kunsens tal-*Managing Director*, ċjoè ta' Joseph Mallia, għal dik il-kompensazzjoni;

Fil-fatt, però, il-Qorti tirritjeni li lanqas ma ġie ppruvat li intlaħaq xi ftehim fis-sens allegat mill-konvenut appellant *nomine*, ċjoè illi l-krediti u debiti bejn id-tliet kumpanniji fuq imsemmija ġew kompensati b'mod li l-konvenut appellant *nomine* ġie li m'għandu jagħti xejn. Ix-xhud Joseph Rizzo, li kien *Managing Director* ta' B & M (Construction) Limited, kif ukoll direttur tal-kumpannija attriċi, u tal-kumpannija B & M

(Floor Tile) Mfrs. Ltd., jiċħad li xi darba kien hemm xi arranġament mal-konvenut appellant biex il-krediti li kellha kontra tiegħu B & M (Supplies) Ltd., ċjoè l-kumpannija attriċi, jiġu kkompensati ma' xi krediti li hu kellu mal-B & M (Construction) Ltd. (fol. 23);

Mhux hekk biss, imma d-dokumenti esebiti mill-konvenut appellant *nomine*, fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 1980, ċjoè d-dokumenti a fol. 28 u 29 tal-proċess ma jwasslux biex jippruvaw l-eżistenza tal-ftehim allegat mill-konvenut appellant *nomine*:

Id-dokument a fol. 28 li jġib id-data 12 ta' Novembru, 1971, juri li għax-xogħol tiegħu l-konvenut appellant *nomine* kellu jieħu s-somma ta' sitt mija u tnax-il lira, tmintax-il xelin u għaxar soldi (£612.18.10). Minn din is-somma tnaqqset is-somma ta' erba' mija, erbgħa u sebgħin lira, ħames xelini (£474.5), kif ingħad fl-istess dokument, "*paid to tile factory i.e. B & M (Floor Tile) Mfrs Ltd. to set off amount due by you for tiles*". Il-bilanċ ta' mija, tmienja u tletin lira, tlettax-il xelin, għaxar soldi (£138.13.10), mhux ċar mill-istess dokument jekk tħallas b'*cheque* numru 11034 imsemmi fl-istess dokument li juri li kellha ssir xi kompensazzjoni dwar dak il-bilanċ mal-kreditu tal-kumpannija attriċi. Għalhekk id-dokument a fol. 28 tal-proċess ċertament ma jurix li l-kumpannija attriċi kienet imdaħħla f'xi ftehim ta' kompensazzjoni:

Kwantu mbagħad għad-dokument a fol. 29 tal-proċess li jġib id-data 2 ta' Marzu, 1973, dan juri li l-konvenut appellant *nomine* kellu kreditu ta' erba' mija, ħmistax-il lira, tnax-il xelin u żewġ soldi (£415.12.2) u dan l-ammont tħallas permezz ta' żewġ *cheques* nri. 13312 u 13379 iddatati 13 ta' Frar, 1973 u 2 ta' Marzu, 1973, għas-somma ta' mija u tletin lira (Lm130) u mija u ħdax-il lira, ħamsa u sebgħin ċenteżmu u żewġ milleżmi (Lm111.95.2) rispettivament, favur il-kumpannija attriċi u

b'*cheque* ieħor numru 13378 iddatat 2 ta' Marzu, 1973, għas-somma ta' mija u tlieta u sebgħin lira, sbatax-il ċenteżmi (Lm173.17), favur B & M (Floor Tile) Mfrs. Ltd. Kif jidher mill-prospett fuq imsemmi (dok. A fol. 4), il-kreditu totali ta' seba' mija, sitta u tmenin lira Maltija, erbgħa u sebgħin ċenteżmi (Lm786.74), tal-kumpannija attriċi, ġie mnaqqas bl-imsemmija żewġ somom ta' Lm130 u Lm111.95,2;

Għalhekk l-imsemmija żewġ dokumenti juru biss li l-konvenut appellant *nomine* kellu jieħu ż-żewġ somom fuq imsemmija u fil-fatt ġie akkreditat bihom iżda ma jurux li saret xi kompensazzjoni b'mod li m'għandu jagħti xejn lill-kumpannija attriċi. Il-prospett a fol. 4 juri li l-konvenut appellant *nomine* ġie akkreditat bl-imsemmija żewġ somom ta' Lm130 u Lm111.95,2 u għalhekk il-konvenut appellant *nomine* m'għandux għalfejn jilmenta. Il-konvenut appellant *nomine* xehed (fol. 22) li ġieli kien hemm okkażjonijiet fejn Joseph Rizzo tah *cheque* għal xi ammont dovut lilu u hu kien jgħaddih lill-kumpannija attriċi. Presumibbilment dawn kienu l-imsemmija żewġ *cheques* għall-imsemmija somma ta' Lm130 u Lm111.95,2. Il-konvenut appellant *nomine* ma ppruvax li kien hemm xi *cheques* oħrajn simili u għalhekk ma jistax jippretendi li jkun hemm riduzzjonijiet oħra fis-somma totali ta' Lm786.74 pretiża skond il-prospett dok. A ħlief dawk murija fl-istess prospett;

Fi ftit kliem, id-dokumenti a fol. 28 u 29 iwasslu biss biex juru li saru ċerti pagamenti mill-konvenut appellant *nomine* kif fuq ingħad (u b'dan hu ġie akkreditat fil-prospett dok. A), iżda ma jwasslux biex juru li kien hemm xi ftehim ġenerali ta' kompensazzjoni jew li saru xi pagamenti oħra minnu b'mod li ma fadallu jagħti xejn lill-kumpannija attriċi;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell

u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-konvenut appellant *nomine*.